**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 69**

It-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.03 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli u s-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Joe Giglio*, l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Stephen Spiteri* kienu skużati.

Il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Albert Buttigieg, ~~l-Onor. Joe Giglio~~* u ~~l-Onor. Stephen Spiteri~~* kienu assenti.

**Vide Minuti tas-Seduta 71 tat-Tnejn 9 ta' Jannar 2023.*

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 68 li saret fis-7 ta' Diċembru 2022 kienu kkonfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li wara li għamel il-verifiki neċessarji, is Sedja kienet qiegħda tordna illi għandha ssir il-korrezzjoni tal-Minuti tas-Seduti 65 u 66 tal-5 ta' Diċembru 2022 sabiex l-Onor. Rebekah Borg tidher bħala skużata fl imsemmija Minuti, u li l-Onor. Ian Vassallo għandu jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduti 65 u 66 tal-5 ta' Diċembru 2022 u tas-seduta 67 tas-6 ta' Diċembru 2022.

## KUNSENS GĦALL-ATTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

- **Att XVIII tal-2022** - Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1029 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Glenn Bedingfield u tal-Onor. Beppe Fenech Adami fit-LXVIII laqgħa tal-COSAC li nżammet ġewwa Praga bejn it-13 u l-15 ta' Novembru 2022; u

P.L. 1030 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, bl-isem *Report by The Auditor General on the Public Accounts 2021* ippublikat f'Diċembru 2022.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3926 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Is-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1031 *Annual Hospital Activity Report* tal-Isptar Mater Dei għas-snin 2013, 2014, 2015, 2016, 2017, 2018, 2019, 2020 u 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4562.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1032 Avviż Legali Nru 333 tal-2022 – Ordni tal-2022 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati;

P.L. 1033 Avviż Legali Nru 334 tal-2022 – Ordni tal-2022 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali;

P.L. 1034 Avviż Legali Nru 335 tal-2022 – Ordni tal-2022 dwar l-Adattament tal-Liġijiet dwar Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi;

P.L. 1035 Avviż Legali Nru 337 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

P.L. 1036 Avviż Legali Nru 338 tal-2022 – Ordni tal-2022 li jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; u

P.L. 1037 Avviż Legali Nru 339 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar l-Organizzazzjoni, l-Amministrazzjoni u l-Operat ta' Korpi Speċjalizzati;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1038 Avviż Legali Nru 336 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi;

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1039 Tabella li turi n-numru ta' anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali li applikaw għas-servizz ta' Home Help imma ma ngħatawx dan is-servizz, fil-perjodu bejn l-2017 u l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4790;

P.L. 1040 Tagħrif dwar is-servizzi li jagħtu l-assistenti soċjali ingaġġati mal-kuntrattur, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4791; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1041 Avviż Legali Nru 332 tal-2022 – Virtual Financial Assets (Amendment No. 2) Regulations, 2022;

P.L. 1042 Tabella li turi n-numru ta' ħaddiema tad-Dwana li jaħdmu fl-uffiċċju ta' Għawdex maqsuma skont il-grad fil-perjodu bejn l-2010 u l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4365; u

P.L. 1043 Tabella li turi tagħrif dwar il-membri tal-Bord tal-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4745.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

B'referenza għall-ftehim milħuq fis-Seduta 66 tal-5 ta' Diċembru 2022, il-Kamra qablet li fis-seduta ta' dakinhar, l-Oppożizzjoni kien se jkollha tliet kelliema u mhux wieħed li kienu se jindirizzaw lill-Kamra fid-diskussjoni fi stadju tat-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3).

L-Onor. Robert Cutajar informa lill-Kamra illi l-Oppożizzjoni kienet se tkun qed titlob division fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3). Il-Kamra qablet li din il-votazzjoni kellha tittieħed nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2022.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NUMRU 3) – ABBOZZ NRU 28**

Il-Kamra rriżumiet mis-6 ta' Diċembru 2022 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9".

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Chris Said, l-Onor. David Agius u l-Onor. Ian Vassallo għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Chris Said, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1044 Artiklu ippubblikat fuq il-facebook page tal-Avukat Joe Brincat bl-isem 'Il-Kliem tal-Liġi u l-Abort'.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. David Agius, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1045 Ittra miftuħa lill-membri tal-Parlament Malti mibgħuta mill-Arċisqof ta' Malta, l-Isqof ta' Għawdex u l-Isqof Awżiljarju datata l-1 ta' Diċembru 2022;

P.L. 1046 Ittra indirizzata lill-Onor. David Agius iffirmata minn membri tal-Azzjoni Kattolika Mosta, datata 22 ta' Novembru 2022;

P.L. 1047 Nota Pastorali bl-isem "Nipproteġu Kull Ħajja Umana b'Għożża Kbira" mill-Arċisqof ta' Malta, l-Isqof ta' Għawdex u l-Isqof Awżiljarju datata l-1 ta' Diċembru 2022; u

P.L. 1048 Position Paper minn numru ta' esperti f'diversi oqsma bl-isem "An Act to further amend the Criminal Code, Cap. 9 Bill No. 28", datata Novembru 2022.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Ian Vassallo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1049 Diskors bl-isem "Mixja għall-valur tal-Ħajja" magħmul mill-President Emeritu Marie Louise Coleiro Preca fl-4 ta' Diċembru 2022.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Robert Cutajar, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1050 Rimarki bil-miktub tal-Onor. Ryan Callus dwar l-Abbozz Nru 28 – Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1051 Statement by other Academics of diverse expertise, political abd religious views in support of Bill No. 28 of 2022.

Fil-5.17 p.m., meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq it-Tieni Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, intalbet votazzjoni. L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq aktar kmieni fis-Seduta, din il-votazzjoni kellha tittieħed fid-19 ta' Diċembru 2022.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP – ABBOZZ NRU 29**

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess tal-Kamra, fis-6.11 p.m. id-dikussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm il-President tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt jirrapporta dwar ħidma tal-kumitat.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Carmelo Abela, President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, irrapporta li Abbozz Nru 11 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ, Abbozz Nru 12 – Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza u Abbozz Nru 13 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza, kienu għaddew mill-Kumitat b'emendi.

2. **ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP – ABBOZZ NRU 29 (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kamra rriżumiet bid-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Stanley Zammit, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Beppe Fenech Adami għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552" inqara t-tieni darba.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Il-Kamra qablet li għandha tgħaddi għall-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Michael Farrugia, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLI 2, 3, 4, 5 u 6,** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 7**

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ressaq din l-Emenda "A":

**Klawsola 7**

Fil-klawsola 7 wara l-kliem "Il-funzjonijiet tal-Bord tal-Ippjanar" jitħassru l-kliem "għandhom jinkludu" u jiġu sostitwiti bil-kelma "huma".

**Clause 7**

In Clause 7 after the words "The functions of the Planning Board" delete the words "shall include" and substitute with the word "are".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 7**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLI 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18 u 19** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fis-6.59 p.m. il-Kumitat kien sospiż u rriżuma fis-7.02 p.m.

**KLAWSOLA 1 u t-TITOLU** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fis-7.05 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati, irrapporta li l-Abbozz ta' Liġi għadda b'emenda.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

Il-Kamra qablet li nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2022 se jkunu qed jiġu kkunsidrati mill-istadji tagħhom kollha l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (Abbozz Nru 2) u l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Abbozz Nru 25).

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.06 p.m. il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2022 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Stadji Kollha |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijalii | Stadji Kollha |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba' | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ippjanar tal-Iżvilupp | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari (Votazzjoni) |
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | L-Ewwel Qari (Votazzjoni) |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 201 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 243 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma u l-Avviż Legali 244 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Emenda Nru 2) | Votazzjoni |
| Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta' Provvista<br>- Votazzjonijiet fuq l-emendi u r-riżoluzzjonijiet imressqa taħt kull Ministeru<br>- Approprjazzjoni għas-sena 2023 u Tieni Approprjazzjoni għas-sena 2022 | Stadji kollha |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Robert Cutajar.

Fis-7.27 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2022 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**

**SPEAKER**